MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 261/2007

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' A B ppreżentat fit-tnejn u għoxrin ta' Novembru 2014 li permezz tiegħu hija talbet li l-istess Qorti tippronunzja l-ħall taż-żwieġ skond l-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili minflok it-talba tagħha għal separazzjoni fir-rikors promotur tagħha;

Rat illi l-intimat ma opponiex din it-talba u li jeżistu r-rekwiżiti biex it-talba tintlaqa';[1]

Rat il-verbal tas-seduta tas-21 Novembru 2014 fejn il-kawża tħalliet għal deċiżjoni f'dan is-sens;

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet kontenuti fir-rikors imsemmi b'dan li tordna li t-talba għal separazzjoni tinbidel f'waħda biex il-Qorti tiddikjara l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.**

**Spejjeż ta' din is-sentenza jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] U b'digriet tal-24 ta' Marzu 2015 dan il-paragrafu ġie mibdul bis-segwenti:

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha ddikjara li ma jopponix għat-talbiet tar-rikorrenti purche' dawn jinkwadraw ruħhom fl-Artikolu 66F tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, purche' wkoll hemm ir-rekwiżiti kollha meħtieġa kif provduti f'Artikolu 66B tal-istess Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.